MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 23/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Jennifer Azzopardi**

**Illum, 26 ta' Marzu 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Jennifer Azzopardi ta’ 21 sena, imwielda Pieta` fil-11 ta’ Mejju 1985, bint Wenzu u Rita nee` Spiteri, residenti numru 132, Arcade Street, Paola, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 264885(M):

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer, fid-19 ta’ April 2005 u matul l-ahhar granet ta’ qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghal uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv taghha;

   U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi:

b) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta’ April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga’ tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2009, xehed **PS 1220 Chris Baldacchino**[1], li qal illi fid-19 ta' April 2005, kienet saret tfittxija fir-residenza tal-imputata. Mill-kamra tas-sodda gew elevati kantuniera ta' borza bi trab kannella, zewg boroz kantunieri vojta bi tracci ta' trab go fihom u hames *sachets* vojta wkoll. Sussegwentement, hija ttiehdet gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal izjed investigazzjonijiet mill-Ispettur Norbert Ciappara.

Fl-istess seduta xehed ukoll **l-Ispettur Johann J. Fenech**[2], li pprezenta s-somma ta' Lm35 li kienu nstabu fil-pussess tal-imputata fil-mument tal-arrest taghha.

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2009, xehed **PC 10 Trevor Cassar Mallia**[3], li qal illi fid-19 ta' April 2005, saret tfittxija fir-residenza tal-imputata, minn fejn gew elevati kantuniera trab kannella suspettat eroina u xi hames qratas vojta mcappsin. Hija giet arrestata u mehuda gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija

[1] A fol. 11 u 12 tal-process.
[2] A fol. 13 tal-process.
[3] A fol. 20 u 21 tal-process.

ghal izjed investigazzjonijiet. Fl-istess sens xehed ukoll **PS 1086 Johann Micallef**[4] fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010. Huwa qal illi mit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputata gew elevati, kantuniera ta' borza bi trab suspettat eroina, zewg kantunieri ohra ta' boroz vojta li kien fihom tracci ta' trab, hames qratas tal-karti vojta u bicca sustanza suspettata *cannabis.* Kien hemm ukoll xi siringi godda u ohrajn li kienu jidhru wzati. Kollox gie mghoddi lis-Supretendent Norbert Ciappara.

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2009, xehed **is-Supretendent Norbert Ciappara**[5], li qal illi fid-19 ta' April 2005, il-Pulizija kellha nformazzjoni fis-sens illi l-imputata setghet kienet qeghda titraffika d-droga. Ghalhekk huwa ta struzzjonijiet lill-Membri tal-Iskwadra kontra d-Droga sabiex jaghmlu osservazzjonijiet u jekk ikun il-kaz issir tfittxija. Sussegwentement huwa kien gie infurmat illi kienet saret tfittxija fir-residenza tal-imputata. Huwa kien informa b'dan lill-Magistrat tal-Ghassa, li da parti tieghu kien hatar lill-espert Mario Mifsud u lil PS 964 R Scicluna u PS 602 Jonathan Attard. Ix-xhud qal illi huwa kien kellem lill-imputata fl-20 ta' April 2005. Hija rrilaxxjat stqarrija fejn ghazlet li ma twegibx ghal numru ta' domandi li sarulha. Huwa pprezenta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fl-20 ta' April 2005. Ix-xhud qal ukoll illi meta kien qieghed ikellimha, l-imputata kienet qaltlu li kellha xi problemi d-dar u li f'dak il-perjodu kienet ghadha kemm qabdet il-vizzju tal-eroina.

In kontro-ezami, u fuq domanda tad-difiza jekk irrizultalux minn dak li qaltlu l-imputata, illi kien hemm problema ta' abbuz ta' droga da parti taghha, ix-xhud ikkonferma illi ghalkemm dan ma jirrizultax mill-istqarrija tal-imputata, madankollu qabel giet mehuda l-istqarrija u waqt li kien qed ikellimha, l-imputata qaltlu li kellha kera ta' xi Lm100 u kellha xi problemi d-dar u li ghalhekk ma setghetx toqghod id-dar. Qaltu wkoll illi kienet qeghda f'perjodu fejn kienet ghadha kemm qabdet il-vizzju tal-eroina.

[4] A fol. 35 u 36 tal-process.
[5] A fol. 22 sa 24 tal-process.

Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fl-20 ta' April 2005[6], jirrizulta illi l-imputata ma wegbitx ghall-maggor parti tad-domandi li saru lilha, izda qalet biss illi ma tahdimx, ma tircevix ghajnuna socjali u li kien ilha toqghod wahedha ghal madwar hames xhur.

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2009, gie esebit *process verbal* numru 945/09 redatt mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna u maghluq fid-19 ta' Ottubru 2009, dwar allegat traffikar ta' droga da parti tal-imputata.

Jirrizulta mir-relazzjoni ta' PS 602 Jonathan Attard, li kien mahtur mill-Magistrat Inkwirenti bhala *Scene of the Crime Officer*, illi huwa kien gie mghoddi diversi oggetti minn WPS 45 Marisa Bartolo, li PS 964 Robert Scicluna kien ha hsieb ix-xoghol tal-fotografija u li prezenti kien hemm l-imputata. Huwa ddokumenta l-oggetti li gew mghoddija lilu.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010, xehed **l-Ispizjar Mario Mifsud**[7] li pprezenta r-relazzjoni tieghu, u dan wara li huwa kien gie mahtur bhala espert forensiku sabiex jezamina u jirrelata dwar id-dokumenti mghoddija lilu minn PS 602 Jonathan Attard. Mir-relazzjoni[8], jirrizultaw *inter alia* is-segwenti konkluzjonijiet u cioe` illi t-trab abjad li kien hemm f'bott tal-plastik, f'borza tal-plastik trasparenti u fi tlett pakketti bil-kliem *citric acid*, fid-dokument 110/10/02 instab li kien *citric acid* u illi din is-sustanza ghalkemm mhijiex ikkontrollata bil-ligi, tista' tigi wzata fit-tehid tad-droga herojina qabel ma din tal-ahhar tigi njettata; illi t-trab abjad li kien hemm fil-bott tal-*plastic* fid-dokument 110/10/04 instab li kien *sodium bicarbonate*, liema sustanza mhix kontrollata bil-ligi; li ma nstabux sustanzi llegali fuq sittax-il bicca karta, borza zghira tal-*plastic*, zewg bicciet plastic u seba' bicciet *foil*, li kien hemm fid-dokument 110/10/01, l-erba' siringi u l-bicca karta li kien hemm fid-dokument 110/10/02, is-sitt siringi, il-biljett u l-bicca karta li kien hemm fid-dokument 110/10/06; li nstabu tracci tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* fuq farka

[6] A fol. 25 u 26 tal-process.
[7] A fol. 29 sa 31 tal-process.
[8] Esebita a fol. 32 tal-process.

ta’ lewn kannella li kien hemm fid-dokument 110/10/03 u l-hames speci ta’ loqmiet ta’ sigaretti li kien hemm fid-dokument 110/10/06; li l-blokka zghira ta’ sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 110/10/01, f’ammont nett totali ta’ 0.26 grammi, instabet li kienet raza tal-*cannabis* – kemm ir-raza tal-*cannabis* kif ukoll s-sustanza *Tetrahydroccanabinol* huma kkontrollati bil-ligi; li fuq l-imgharfa u l-kuccarina fid-dokument 110/10/02, instabu fuqhom is-sustanza morfina, is-sustanza *6-monoacetylmorphine*, prodott tad-degradazzjoni tal-herojina, u tracci ta’ kokajina fuq il-kuccarina; li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca karta li kien hemm fid-dokument 110/10/01 (immarkata bl-ittra m), fuq bicca *plastic*, il-hames bicciet *foil* irrumblati li kien hemm fid-dokument 110/10/01, l-imgharfa fid-dokument 110/10/04 u fuq bicca *foil* fid-dokument 110/10/06; li fit-trab kannella li kien hemm f’kantuniera ta’ borza tal-*plastic* li kien hemm fid-dokument 110/10/01, f’ammont nett totali ta’ 0.16 grammi, instabet fiha s-sustanza herojina – is-sustanzi herojina, morfina u kokajina huma kkontrollati bil-ligi.

Fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2010, xehed **PS 964 Robert Scicluna**[9] li kkonferma r-relazzjoni minnu esebita fl-atti tal-inkjesta relattiva fejn huwa kien gie nominat bhala *Scene of the Crime Photographer*, ma’ liema relazzjoni hemm esebiti wkoll 21 ritratt li ha l-istess xhud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeciedi din il-Qorti tirrigwarda l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rrilaxxjata mill-imputata. Ghalkemm id-difiza, fl-ebda mument f’dawn il-proceduri ma qajmet dan il-punt jew talbet lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata bhala wahda inammissibbli, biss m’hemmx dubbju illi fil-jum li fiha ttiehdet l-istqarrija tal-imputata, ossia fl-20 ta’ April 2005, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta’ Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Dakinhar l-

[9] A fol. 33 u 34 tal-process.

imputata kellha dsatax-il sena – kwazi ghoxrin sena – u kellha l-fedina penali taghha kwazi netta salv ghal reat wiehed li kien imur lura ghas-sena 1999 u li dwaru zgur li ma gietx interrogata mill-pulizija. Jidher ghalhekk illi kien fil-kaz odjern illi l-imputata kienet qeghda tesperjenza ghall-ewwel darba interrogazzjoni mill-pulizija.

Din il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju li gew moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u cioe` is-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs Esron Pullicino** mill-Qorti Kostituzzjonali, li ghalihom taghmel referenza d-difiza *inter alia* is-segwenti - **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013 u **Il-Pulizija vs Debbie Antoinette Vella**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2013.

Issa ghalkemm a bazi tas-sentenzi fuq citati, u in vista tal-eta` tal-imputata fiz-zmien li hija rrilaxxjat l-istqarrija taghha u l-fatt li din kienet l-ewwel esperjenza ta' interrogazzjoni ghaliha, jista' jkun *prima facie* illi l-istess imputata kellha dik il-vulnerabilita` li l-ligi trid li tigi protetta permezz tad-dritt ta' assistenza legali, u dan sabiex jigi evitat abbuz waqt it-tehid ta' stqarrija, liema abbuz jista' jwassal sabiex persuna tinstab hatja meta fil-verita` hatja m'hijiex, madankollu, f'dan il-kaz, apparti illi l-imputata dehret illi fehmet sew is-solita twissija li nghatat lilha u cioe` id-dritt taghha illi ma twiegeb ghall-ebda domanda, u dan ghaliex fil-fatt l-imputata ma wegbitx ghall-maggor parti tad-domandi li saru lilha dwar id-droga u l-oggetti relatati mad-droga li nstabu fil-pussess taghha, u apparti wkoll illi minkejja li l-imputata ghazlet li ma tiffirmax l-istqarrija, din

kienet wahda volontarja a tenur tal-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali, tant illi d-difiza stess ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' lil WPS 45 bhala xhud tal-volontarjeta` tal-istqarrija[10] u fl-ebda mument f'dawn il-proceduri ma giet kkontestata tali volontarjeta`, izjed importanti madankollu kienet id-difiza stess illi ghamlet referenza ghal dak li stqarret l-imputata matul l-interrogazzjoni taghha. Fil-fatt kif diga` inghad izjed il'fuq, in kontro-ezami, l-Assistent Kummissarju, dak iz-zmien Supretendent, Norbert Ciappara, gie mistoqsi mid-difiza jekk kienx irrizultalu minn dak li kienet qaltlu l-imputata illi fil-fatt hija kellha problema ta' abbuz ta' droga, ghal-liema domanda x-xhud wiegeb illi ghalkemm dan ma kienx jirrizulta mill-istqarrija, qabel ittiehdet l-istess stqarrija u waqt li huwa kien qed ikellem lill-imputata, hija kienet qaltlu *inter alia* li kienet ghadha kemm qabdet il-vizzju tal-eroina. Ghalhekk tenut kont illi anke f'dan l-istadju l-imputata kienet fl-istess cirkustanzi li kienet tinsab fihom ftit mumenti wara meta ttiehdet l-istqarrija, ossia minghajr l-opportunita` li tiehu assistenza legali, u tenut kont ukoll illi d-difiza stess irreferiet ghal dak li stqarret bil-fomm l-imputata mal-Ufficjal Investigatur, din il-Qorti ma tistax tqis biss parti minn dak li stqarret l-imputata, ossia dak li l-imputata stqarret bil-fomm, izda imbaghad tiskarta dak li qalet l-imputata ftit tal-hin wara meta rrilaxxjat l-istqarrija taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-imputata bhala prova ammissibbli u valida f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi m'hemmx kwistjoni dwar il-htija ta' pussess semplici tad-droga eroina, ghaliex l-istess imputata ammettiet mal-Ufficjal Investigatur illi kienet ghadha kemm qabdet il-vizzju tad-droga eroina. Dan apparti illi kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, fuq l-imgharfa u l-kuccarina fid-dokument 110/10/02, instabu fuqhom is-sustanza morfina, is-sustanza *6-monoacetylmorphine*, prodott tad-degradazzjoni tal-herojina, u tracci ta' kokajina fuq il-kuccarina, instabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca karta li kien hemm fid-dokument 110/10/01 (immarkata bl-ittra m), fuq bicca *plastic*, fil-hames bicciet *foil* irrumblati li kien hemm fid-dokument 110/10/01, l-

[10] A fol. 28 tal-process.

imgharfa fid-dokument 110/10/04 u fuq bicca *foil* fid-dokument 110/10/06 u in oltre fit-trab kannella li kien hemm f'kantuniera ta' borza tal-*plastic* li kien hemm fid-dokument 110/10/01, f'ammont nett totali ta' 0.16 grammi, instabet fiha s-sustanza herojina. Dawn l-oggetti nstabu lkoll fir-residenza tal-imputata, fejn jidher li kienet tghix wahedha, u ghalhekk fil-pussess taghha.

L-istess irid jinghad fir-rigward tal-pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*, mertu tat-tieni imputazzjoni, fir-rigward ta' liema ghalkemm ma kien hemm l-ebda ammissjoni da parti tal-imputata fl-istqarrija taghha jew qabel ittiehdet l-istess stqarrija, mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi l-blokka zghira ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 110/10/01, f'ammont nett totali ta' 0.26 grammi, kienet raza tal-*cannabis*. Din instabet fir-residenza tal-imputata flimkien ma' tracci tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* fuq farka ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 110/10/03 u fuq hames loqmiet ta' sigaretti li kien hemm fid-dokument 110/10/06, apparti erba' pakketti ta' karti tal-brim, li lkoll jindikaw illi l-imputata kienet fil-fatt tabbuza mill-istess droga. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni giet ippruvata lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Dak li qed jigi kontestat mid-difiza huwa l-pussess aggravat, fir-rigward tad-droga eroina.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia*

*cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Issa f'dan il-kaz l-ammont ta' eroina misjub fil-pussess tal-imputata kien wiehed zghir hafna ossia ammont ta' 0.16 gramma. Id-difiza sostniet fit-trattazzjoni taghha illi l-ammont huwa tant zghir illi huwa evidentement kompatibbli ma' pussess ghall-uzu esklussiv tal-imputata, tenut kont tal-fatt illi rrizulta illi l-imputata kienet hija stess tabbuza mid-droga eroina. Irid jinghad illi ammont zghir ta' droga misjuba ma jeskludix illi l-pussess ta' dik id-droga jkun wiehed aggravat u cioe` intiz ghall-ispacc u kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Attard**, fejn l-ammont misjub fil-pussess tal-appellant kien ta' 0.849 grammi ta eroina f'qartas wiehed, *"kif tajjeb qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, ghalkemm l-ammont ta' erojina misjuba jista' jkun indikattiv tal-aggravanti in kwistjoni, l-ammont mhix l-unika cirkostanza li wiehed ghandu jhares lejha*".

F'dak il-kaz, apparti qartas wiehed li kien fih 0.849 grammi ta' eroina, instabu wkoll diversi qratas tal-karti vojta u mhux uzati. Dawn kienu nstabu lkoll flimkien, f'kaxxa taz-zraben li fiha kien hemm ukoll, fost affarijiet ohrajn, imqass, mus, bicciet ta' karti tal-pitazz u pitazz b'ghaxar pagni biss minn

tmienja u erbghin pagna li suppost ikun fih tali pitazz. Biss f'dak il-kaz, il-Qorti ma sabitx il-verzjoni tal-imputat dwar ir-raguni li ghandu kienet dik il-kaxxa bhala wahda kredibbli u in oltre ma rrizultax illi l-appellant kellu l-vizzju tad-droga eroina. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe` li l-pussess ta' eroina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

F'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Cini**, il-Qorti kkunsidrat illi dwar id-droga misjuba, li kienet tammonta ghal cirka ghaxar grammi raza tal-*cannabis*, l-appellant sostna illi ma kien hemm xejn x'jindika illi din id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Wara li ezaminat l-atti kollha, il-Qorti qablet mal-appellant. L-ammont involut kien kompatibbli mal-vizzju tal-appellant u l-fatt li r-raza in kwistjoni kienet maqsuma f'erba' bicciet, b'wahda minnhom imgezwra fil-*foil*, u li kien hemm sikkina zghira mahruqa, x'aktarx biex taqta' r-raza tal-*cannabis*, ma setghax fic-cirkostanzi tal-kaz, iwassal lill-Ewwel Qorti sabiex ragjonevolment tikkonkludi illi dik ir-raza ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-istess appellant. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti tal-Appell, l-uniku reat li l-appellant seta' jinstab hati tieghu kien dak ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* li huwa reat kompriz u involut fl-imputazzjoni ta' pussess aggravat.

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, moghtija fit-23 ta' Mejju 2002, l-Ewwel Qorti qieset il-fatt illi l-kwantita` sostanzjali ta' droga kienet maqsuma f'boroz tal-*plastic*, f'hames kaxxi tas-sulfarini, apparti dik misjuba gewwa kontenitur tal-*plastic* li kien nofsu mimli, f'vazett tal-hgieg u f'bicca *foil*, li fiha kien hemm blokka raza tal-*cannabis*, kien indikattiv illi d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Il-Qorti qieset il-kwantita`, kif ukoll il-kwalita` tad-droga misjuba u cioe` 109.5053 grammi ta' weraq u frak tal-*cannabis*, kif ukoll ir-raza tal-*cannabis*, f'ammont net ta' 1.2364 grammi. Skond l-istess appellant, huwa kien jikkonsma l-*cannabis* okkazjonalment, 'wiehed kull tant', u ghalhekk ma kellux ghalfejn ikun fornut b'din il-kwantita` kollha ta' *cannabis.* L-imputat ma kienx affidabbli ghaliex il-verzjoni li ta dwar il-provenjenza tal-

istess droga ma kenitx wahda konsistenti. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat kemm is-sejbien tal-htija u s-sentenza imposta mill-Ewwel Qorti.

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grech**, moghtija fit-2 ta' Lulju 1996, mill-Qorti tal-Magistrati, kif presjeduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. David Scicluna, fejn l-imputat instab fil-pussess ta' mill-inqas hames qratas ta' l-eroina, f'ammont totali ta' 1.7732 grammi, il-Qorti kienet irrimarkat illi huwa insolitu li min ikun akkwista ammont ta' droga ghalih, idur biha barra fil-mod kif din instabet separate. Kienu stabu wkoll cekkijiet pagabbli lil Joseph Grech u djarju b'pagni nieqsa li, partijiet minnu nstabu fil-kcina tal-istess appartament u in oltre, wiehed mill-qratas li nstabu fil-*clingfilm* kien maqtugh mill-pagni nieqsa mill-istess djarju bid-dati *Sunday July 24$^{th}$* u *Monday July 25$^{th}$.* Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu kien jindika minghajr ebda dubju illi l-imputat ma kellux hsieb li juza dik l-eroina ghalih inniffsu jew almenu ghall-uzu esklussiv tieghu.

Issa fil-kaz in dizamina, l-imputata stqarret illi hija kienet ghadha kif qabdet il-vizzju tal-eroina. Mill-oggetti li nstabu fir-residenza taghha, m'hemm l-ebda dubju illi fil-fatt l-imputata kienet tabbuza *inter alia* mid-droga eroina u dan kif jixhdu n-numru ta' siringi li nstabu, kemm uzati, kif ukoll godda, in-numru ta' kontenituri – u cioe` bott tal-*plastic*, borza tal-*plastic* trasparenti, u tlett pakketti - li kienu lkoll jikkontjenu c-*citric acid*, liema sustanza kif indikat mill-Ispizjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu, tista' tigi wzata fit-tehid tad-droga eroina qabel mal-istess droga tigi njettata, imgharfa u kuccarina li nstabu fuqhom is-sustanza *6-monoacetylmorphine* – prodott tad-degradazzjoni tal-eroina, numru ta' bicciet tal-*foil,* bicca karta, bicca *plastic* u mgharfa bi tracci ta' eroina.

Apparti minn hekk instabu wkoll numru konsiderevoli ta' qratas – sbatax b'kollox – li minnhom wahda biss kienet tikkontjeni tracci ta' droga eroina. Instabet ukoll karta b'erba' ismijiet fuqha, bin-numri 10, 9 u 5 taht isem minnhom, 10, 10, 2 u 10 taht isem iehor, 14, 13 u 10 taht isem iehor, bin-numri

14 u 13 maqtughin b'salib u 5 taht isem jew laqam iehor. Irrizulta wkoll illi l-imputata ma kinitx tahdem u ma kinitx tircievi ghajnuna socjali.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar ic-cirkostanzi kollha li fihom l-imputata instabet fil-pussess tad-droga eroina. Qieset min-naha l-wahda illi huwa fatt ben not illi d-droga 'fis-suq' regolarment tinbiegh fi qratas u qieset ukoll illi l-ismijiet u n-numri tahthom kif deskritti jista' jkun illi jirreferu ghall-klijenti tal-imputata u l-ammonti ta' flus li dawn kienu jafuha in konnessjoni mad-droga. Biss din tal-ahhar hija certament mera kongettura ghaliex ma ngabet assolutament l-ebda prova f'dan ir-rigward u l-imputata lanqas ma saritilha xi mistoqsija mill-Ufficjal Investigatur, matul l-interrogazzjoni taghha, dwar x'kienu jirrapprezentaw dawn l-ismijiet u n-numri miktubin tahthom. Imbaghad hemm ic-cirkostanza li l-imputata ma kinitx tahdem u lanqas ma kienet tircievi ghajnuna socjali u dan fil-waqt li kellha thallas kera ta' Lm100 fix-xahar, apparti li kellha l-vizzju tad-droga. Il-fatt illi nstabu numru ta' qratas vojta, kif ukoll illi l-imputata ma kinitx tahdem u riedet issostni l-vizzju taghha, apparti li kellha spejjez ohra, huma certament indizzji li jitfghu suspett serju fuq l-imputata illi din kienet tispacca d-droga eroina.

Madankollu, min-naha l-ohra, il-Qorti, wara li qieset illi l-ammont ta' eroina misjub fil-pussess tal-imputata (f'kantuniera ta' borza tal-*plastic*) kien wiehed tant zghir – f'ammont nett totali ta' 0.16 grammi - u perfettament kompatibbli ma' uzu personali, tenut kont ukoll tal-oggetti kollha misjuba fir-residenza tal-imputata li ma jhallu l-ebda dubju dwar il-fatt li l-imputata kienet tabbuza mill-eroina, apparti sustanzi ohrajn illeciti, u minkejja c-cirkostanzi fuq indikati li kif inghad, jixhtu suspett qawwi ta' spacc lil terzi da parti tal-imputata, ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi d-droga hekk misjuba fil-pussess taghha ma kinitx intiza biss ghall-uzu esklussiv taghha.

Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, l-imputata tista' tinstab biss hatja ta' pussess semplici ta' droga eroina, liema reat huwa kompriz u nvolut fl-imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-istess droga.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Illi ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-fedina penali tal-imputata fiz-zmien li gew kommessi r-reati in kwistjoni, liema fedina penali kienet kwazi netta.  Minkejja illi l-Prosekuzzjoni giet ordnata sabiex tesebixxi l-fedina penali aggornata tal-imputata, din baqghet ma gietx prezentata.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset l-ammont ta’ droga misjub fil-pussess tal-imputata – ossia 0.16 grammi eroina u 0.26 grammi raza tal-*cannabis*.  Qieset ukoll illi minkejja li ghaddew kwazi disa’ snin mid-data li fiha gew kommessi r-reati in kwistjoni, u  minkejja wkoll illi ma jirrizulta xejn mill-atti li jista’ jitfa’ dawl fuq is-sitwazzjoni tal-imputata illum il-gurnata, madankollu in vista tal-fatt illi l-imputata kellha l-vizzju tad-droga, liema vizzju ma jidhirx li kien wiehed zghir, ikun ghaqli illi l-istess imputata tigi segwita minn Ufficjal tal-*Probation.*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u tilliberaha minnha, izda ssibha hatja ta’ pussess semplici tad-droga eroina, u ssibha hatja wkoll tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tqieghda taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Stante illi r-reati mertu tal-kaz odjern sehhew qabel gie emendat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn allura kien mehtieg illi l-Prosekuzzjoni taghmel talba ghal daqshekk rigwardanti l-ispejjez tal-esperti u stante wkoll illi tali talba ma tirrizultax mill-atti, apparti illi l-esperti kollha f'dawn il-proceduri gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, il-Qorti mhijiex qeghda tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-istess esperti.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------